MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 63/2007

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-16 ta' Frar, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi fis-6 ta' Ġunju tas-sena 2004, fit-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (3.30p.m.) twieldet il-minuri Z, kif jidher mill-att tat-twelid bin-numru 1877/2004 hawn anness (Dokument A);

2. Illi kif jidher mill-istess ċertifikat, id-dikjarazzjoni tat-twelid tal-minuri Z saret mill-esponent u l-konvenuta B flimkien;

3. Illi madankollu, riċentement, l-esponent skopra li l-konvenuta B kienet qarrqet bih dwar il-paternita' tiegħu ta' bintha minuri, u li fil-perjodu tal-konċepiment ta' l-imsemmija minuri, hija kellha relazzjonijiet intimi ma' terzi;

4. Illi l-esponent stabilixxa permezz ta' eżami ġenetiku li huwa fil-fatt m'huwiex il-missier naturali u bioloġiku tal-minuri Z (Dokument B);

5. Illi għaldaqstant l-esponent għandu interess li jottjeni dikjarazzjoni ġudizzjarju li hu mhux il-missier naturali u bioloġiku ta' l-imsemmi minuri, u konsegwentement li ma jibqax jidher bħala l-missier naturali tal-minuri fuq l-att tat-twelid tagħha.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-esponent jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

(1) tiddikjara li l-istess esponent m'huwiex il-missier naturali u bioloġiku tal-minuri Z;

(2) konsegwentement, tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel il-korrezzjonijiet opportuni fl-att tat-twelid tal-minuri Z bin-numru tar-reġistrazzjoni 1877/2004 billi tordna li:

(a) fil-kolonna "*Isem u kunjom*" jitħassru l-kelmiet "*A*";

(b) fil-kolonna "*Id-Dokument ta' l-Identita'*" jitħassru n-numri u l-kelmiet "*Maltese ID card number*";

(c) fil-kolonna "*Eta'*" jitħassar in-numru "*28*";

(d) fil-kolonna "*Fejn Twieldu*", jitħassru l-kelmiet "*Pieta' Malta*" u fil-kolonna "*Fejn Joqgħodu*", jitħassru l-kelmiet "*Żurrieq Malta*";

(e) fil-kolonna "*Isem u Kunjom il-missier, u jekk hux ħaj jew mejjet*", jitħassru l-kelmiet "omissis *(alive)*"; u

(3) tordna kull korrezzjoni oħra li tirriżulta meħtieġa matul it-trattazzjoni ta’ din il-kawża.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li jibqgħu nġunti minn issa għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-30 ta’ April, 2007 li permezz tagħha l-Kuraturi Deputati Dr. Beppe Fenech Adami u l-PL Luisa Tufigno esponew bir-rispett:

Illi huma m’humiex edotti mill-fatti li taw lok għal dan ir-rikors u qed jirriżervaw illi jippreżentaw nota ta’ l-eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkunu edotti mill-fatti.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-30 ta’ April, 2007 li permezz tagħha l-konvenuta B esponiet bir-rispett u bil-ġurament tagħha kkonfermat dawn l-eċċezzjonijiet:

1. Illi hija tirrimetti ruħha għall-provi li jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;
2. Illi kontra dak li ġie premess mill-attur, l-eċċipjenti ma żvijatx jew ingannat lill-istess attur u għaldaqstant ma għandhiex issofri l-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri;

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fl-14 ta’ Mejju, 2007 li permezz tagħha l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma s-segwenti:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors ġuramentat u għalhekk

jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għal ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi stante r-rikonoxximent tal-paternita' tal-minuri sar b'azzjoni tar-rikorrent fuq l-Att tat-Twelid, ir-rikorrent irid jipprova għas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti li d-dikjarazzjoni li għamel fuq l-Att tat-Twelid kienet vizzjata minn xi vizzju ta' kunsens.

3. Illi għandha ssir id-debita' pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artiklu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m'huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-intimat li għaldaqstant m'għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta' l-istanti.

5. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali, u senjatament l-affidavits tal-partijiet.

Rat ir-rapport ta' l-espert tad-DNA.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li t-tarbija msemmija fir-rikors promotur ma tibqax reġistrata bħala bintu. Din ġiet reġistrata bħala bintu peress illi dak iż-żmien huma kienu miżżewġin.

Din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deċiża fis-16 ta' Frar, 2001 kienet qalet hekk;

"*Illi fil-mertu jirriżulta li fiż-żmien li setgħet tiġi konċepita t-tarbija l-attriċi kellha relazzjoni mal-konvenut fl-istess waqt li f'dak iż-żmien ma kellhiex x'taqsam mar-raġel tagħha. Din il-Qorti rriteniet illi din il-prova hija suffiċjenti biex jiġi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodiċi Civili (<u>Spiteri pro et noe vs Cilia et</u>, fost oħrajn 30 ta' Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni ta' l-omm li minkejja li waħedha mhux biżżejjed (Art. 70 (2) tal-Kodiċi Ċivili, meħuda ma' dawn iċ-cirkostanzi l-oħra telimina kull dubbju f'moħħ il-Qorti dwar il-paternita' tat-tarbija.*"

Il-Qorti għandha l-istess konvinċiment f'din il-kawża u ma hemm ebda dubbju dwar it-talba attriċi u *multo magis* f'dan il-każ fejn hemm il-prova xjentifika. Naturalment f'dan il-każ ma japplikax dak kollu li ntqal fis-sentenza ċitata billi mhux indikat min effettivament kien il-missier.

Rigward l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Artiklu 254 japplika għall-proċedura skond l-artiklu preċedenti. Ikun tajjeb pero' li tiġi segwita l-proċedura msemmija fl-Artiklu 256 li se tiġi ordnata minn din is-sentenza u cioe' li d-Direttur ikun obblikat li jagħmel il-korrezzjoni fl-att tat-twelid fi żmien għaxart ijiem li jiġi notifikat b'kopja vera tas-sentenza stess.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u minflok it-tarbija msemmija tiġi indikata bħala bint missier mhux magħruf.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------